**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Mejju, 2019**

**Rikors nru: 145/19 AGV**

**AB**
**Vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-25 ta' Marzu, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Mejju, 2000 (hawn anness u mmarkat bhala Dok. A).

2. Illi l-partijiet isseparaw fil-11 ta’ Frar, 2010 permess tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat u ghalhekk ilhom ighixu separatament ghal aktar minn erba’ snin (hawn anness u mmarkat bhala Dok. B).

3. Illi m’hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin,

4. Illi m’hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar il-manteniment stante li l-manteniment jithallas regolarment.

5. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghataw divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Ghaldaqstant, l-esponent f’dawn ic-cirkostanzi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimat mhux qed joggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-Artikolu 66 A u B u C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom separati skond kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Robert John Muscat fil-11 ta' Frar, 2010 u ghalhekk ghaddew aktar minn erba' snin rikjesti sabiex jinhall iz-zwieg.

Jikkonfermaw li m'ghadx hemm ic-cans ghar-rikonciljazzjoni peress li llum ghandhom hajja separata minn xulxin.

Jikkonfermaw ukoll li m'hemmx pendenzi ta' manteniment bejniethom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa' t-talbiet tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G Vella** — **Imhallef**

**Cettina Gauci** — **Deputat Registratur**